MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1392/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**Vs**

**Tony Dowling**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm102.37c (mija u zewg liri Maltin u sebgha u tletin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm86.75c (sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) sentejn Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Dicembru, 2002 sal-5 ta' Dicembru, 2004 in konnessjoni mal-licenzja numru 010761 rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Nostalgia Restaurant" San Pawl il-Bahar u,

Lm15.62c (hmistax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-Ittri Legali tat-28 ta' Frar, 2003 u 28 ta' Frar, 2004 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-Pl Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------